`

# QORTI CIVILI – PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Guramentat Nru.: 977/2011 MH**

**Illum, 19 ta' Ottubru, 2018**

**Salvatore Grech (KI 734359M)**
**Maria Dolores Grech (KI 365564M)**

**vs**

**Carmel Grima (ID 19848G), Salvina Grima (ID 351248M), M&R Holdings Limited (C30612), Prelude Co. Limited (C18901), Grazio sive Grezzju Chetcuti (ID 220145M) f'ismu proprju u bħala prokuratur ta' Salvatore sive Sam Vella (Passaport Malti 820883), Rose Mary sive Ricky Baskerville nee Vella, Jenny Russell nee Vella u Mary Varnavelias nee Vella, ilkoll residenti l-Awstralja, Josephine sive Ġuża Vella (ID 510834M), Victoria Sciberras (ID 112048M), Carmel sive Charlie Chetcuti (ID 805253M), Carmen Busuttil (ID 51461M), Emanuel Zarb (ID 45063M), Catherine Casapinta (ID 169564M), Joseph Zarb (ID 180666M), Antonia Zarb (ID 175040M), Emanuel Zarb (ID 839634M) f'ismu proprju u f'isem ħuh Anthony Żarb (Passaport Kanadiż 729885) residenti l-Kanada, Grazia Zarb (ID 1535M), Carmelo Bezzina (ID 315945M) f'ismu proprju u f'isem oħtu Maria Muscat (Passaport Malti 792816), Michelina Bezzina (ID 284126M), John Mary Bezzina (ID 553546M), Anthony Bezzina (ID 655852M), Rita Sant (ID 54054M), Josephine Caruana (ID 182556M), Victoria Vella (ID 677357M), Christine Micallef (ID 279462M), Anna Grech (ID 351965M), Paola Sant (ID 389460M), Agostino Muscat (ID 535725M), John Muscat (ID 97052M), Joseph Muscat (ID 805053M), Maria Dolores Muscat (ID 397958M), Carmelo Muscat (ID 217560M), Anthony Muscat (ID 743661M), Victoria Muscat (ID 550163M), Mary Concetta Muscat (ID 613464M), Emanuel Muscat (ID 413366M), Speranza Camilleri (ID 120929M), Joseph Dimech (ID 176036M) u Veneranda**

**Dimech (ID 173839M) u b'ordni tal-Qorti tal-11 ta' Jannar 2012[1] l-isem ta' Michelina Bezzina (ID 284126M) gie mhassar**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors guramentat tal-atturi li gie prezentat fis-7 t'Ottubru, 2011**, li permezz tieghu esponew:

*"1.Illi permezz tal-att tat-30 ta' Novembru 2010 ppubblikat min-Nutar Reuben Debono, ir-rikorrenti akkwistat minghand l-intimati, iz-zewg plots immarkati bin-numri tlieta (3) u erbgha (4) rispettivament fi Triq De la Cassiere, San Pawl il-Bahar hekk kif indikati fuq il-pjanta mehmuza* ***'Dokument A'****;*

*2.Illi r-rikkorenti akkwistat l-imsemmija plots billi fuq l-imsemmi att pubbliku, l-intimati M&R Holdings Limited u Prelude Co. Limited (ic-Cessjonarji) assenjaw id-drittijiet taghhom fuq konvenji li kellhom mal-intimati l-ohra kollha (il-Vendituri) a favur tar-rikorrenti li mbaghad akkwistat il-plots in kwistjoni minghand l-istess Vendituri;*

*3.Ill madankollu, in segwitu ghall-akkwist tal-imsemmija plots, u malli r-rikorrenti bdew ix-xogholijiet ta' thammil ftit gimghat wara, il-bdiewa Carmelo, Anthony, Alfred u Victor Gauci, proprjetarji tal-ghelieqi adjacenti, hadu proceduri legali fil-konfront tar- rikorrenti peress li qeghdin isostnu li madwar nofs l-area taz-zewg plots akkwistati mir-rikorrenti hija filfat proprjeta' taghhom. Tali proceduri legali jikkonsistu (i) fil-mandat t'Inibizzjoni bin-numru 33/11 JRM (mhux milqugh – deciz fis-7 ta' Frar 2011); (ii) kawza ta' spoll fl-*

[1] Fol 35

*ismijiet 'Carmelo Gauci et vs. Saviour Grima et.' (Rik. Gur 88/2011JA); u kif ukoll permezz ta' proceduri kriminali;*

*4.Illi s'issa ma jirrizulta minn imkien li l-proprjeta' li l-bdiewa Gauci qeghdin jippretendu li hija taghhom, effettivament tappartjeni lilhom. Madanakollu, in segwitu ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni 33/11 JRM, ir-rikorrenti gew a konjizzjoni tal-fatt li l-istess proprjeta', li tkopri circa nofs il-plots akkwistati minnhom, qatt ma kienet proprjeta' tal-Vendituri, stante li ma kinitx tifforma parti mill-art akkwistata originarjament mill-intimati Carmel u Salvina Grima;*

*5.Illi ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija, ir- rikorrenti spiccaw 'akkwistaw' proprjeta' li madwar nofsha ma kinitx tappartjeni lill-Vendituri, u li in oltre' lanqas biss jistghu jaccedu ghaliha minhabba l-proceduri legali li ttiehdu fil-konfront taghhom, liema stat ta' fatt qieghed jikkawza dannu u telf kbir ghall-istess rikkorenti;*

*6.Illi fuq l-att tat-30 ta' Novembru 2010, il-Vendituri ikoll flimkien solidalment iggarantew a favur tar-rikorrenti 'l-pacifiku pussess u godiment reali tal-proprjeta''; li ' m'hemmx drittijiet ta' terzi fuq il-proprjeta' inkluz pero' mhux limitat ghal qbiela, kirjiet, drittijiet ta' bdiewa u servitujiet'; u li 'l-proprjeta' in vendita qieghda tinbiegh bhala hielsa minn kull djun, ipoteki u privileggi u bil-pussess vakanti.' (pagni 57-58 u 60-61 tal-att);*

*7.Illi b'hekk il-Vendituri kollha ghandhom ir-responsabbilta' civili illi jaghtu rimedju skond il-ligi lir-rikorrenti a bazi tal-garanzija minnhom moghtija fuq l-att tat-30 ta' Novembru 2010;*

*8.Illi in segwitu ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni 33/11JRM, ir-rikorrenti gew a konjizzjoni tal-fatt ukoll li c-Cessjonarji u l-intimati Carmel u Salvina Grima*

*kienu konxji tal-pretensjonijiet tal-familja Gauci fuq l-art in kwistjoni ferm qabel l-att tat-30 ta' Novembru 2010, u dan peress li l-bdiewa Gauci kienu diga' istitwew proceduri legali kontrihom fis-sena 2009;*

*9.Illi r-rikorrenti tqis li kuntrarju ghall-intimati l-ohra kollha, f'dan il-kaz ic-Cessjonarji u l-intimati Carmel u Salvina Grima agixxew b'mod qarrieqi u frawdolenti fil-konfront tal-istess tar-rikorrenti, specjalment ic-Cessjonarji li n-negozju sar direttament maghhom, talli hajruha u kkonvincewhom jaghmlu negozju u johorgu flejjes kbar ghal proprjeta' li kienu jafu ferm tajjeb li kellha titolu diffettuz;*

*10. Illi huwa car u inekwivokuli li r- rikorrenti ma kinux ser jakkwistaw l-plots in kwistjoni minghajr dik il-parti li ghandha t-titolu difettuz, u dan peress li tali parti tant hija kbira (madwar nofs il-plots) li minghajrha, r-rimanenti porzjon tal-proprjeta' ma jkollha ebda valur u b'hekk ir-rikorrenti m'ghandhom ebda ghazla ohra hlief li jitolbu r-rexxizjoni ta' dik il-parti tal-att tat-30 ta' Novembru 2010 li tikkoncerna z-zewg plots shah minnha akkwistati;*

*11. Illi r-rikorrenti hargu is-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin elf u mija u sebgha u ghoxrin euro **(€457,127)** fir-rigward tal-plots minnhom akkwistati, rapprezentanti l-press tac-cessjoni, l-prezz tal-bejgh, il-hlas ghall-hrug tal-permessi, id-drittijiet tal-Perit u tan-Nutar, it-taxxa tal-boll u l-ispejjez l-ohra kollha in konnessjoni mal-pubblikazzjoniu r-registrazzjoni tal-att tat-30 ta' Novembru 2010.(skond il-prospett mehmuz bhala'***Dokument B***'. Din is-somma ma tinkludix l-ispejjez u d-danni kollha li qeghdin isofru konsegwenza tal-fatt li gew iffrodati b'dan il-mod sfaccat;*

*12.Illi apparti minn hekk, ir-rikorrenti qieghdin isofru danni kbar wara li ghamlu investiment tant qawwi fi proprjeta' li issa lanqas biss jistghu jaccedu ghaliha, liema danni ser jigu ppruvati waqt is-smigh ta' din il-kawza;*

*13.Illi b'hekk ir-rikorrenti jqisu li oltre' ghar-rexxizjoni ta' dik il-parti tal-att tat-30 ta' Novembru 2010 li tikkoncerna l-proprjeta' minnhom akkwistata, huma jisthoqqilhom ukoll jigu rifuzi s-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin elf u mija u sebgha u ghoxrin euro (€ 457,127), flimkien mad-danni ulterjuri li qieghda ssofri li ser jigu ppruvati waqt is-smigh ta' din il-kawza;*

*14.Illi minkejja l-fatt li l-intimati kollha gew interpellati sabiex jaghtu r-rimedji xierqa skond il-ligi, inkluz permezz tal-ittra ufficcjali bin-numru 952/2010, huma lkoll baqghu inadempjenti u sahansitra qeghdin jichdu kull forma ta' responsabbilta';*

*15.Illi Salvatore Grech jaf b'dawn il-fatti personalment u minkejja d-diversi tentattivi li saru sabiex din il-kwistjoni tigi rizolta barra l-Qorti, ma kien ghad baqa' ebda ghazla ohra hlief li ssir din il-kawza.*

*Ghaldaqstant ir-rikorrenti qeghdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi, u prevja kull dikjarazzjoni xierqa u opportuna:*

*1.Tiddikjara li t-titolu tal-plots bin-numri tlieta (3) u erbgha (4) fi Triq Jean de la Cassiere, San Pawl il-Bahar, akkwistati mir-rikorrenti permezz tal-att tat-30 ta' Novembru 2010 ppubblikat min-Nutar Reuben Debono huwa wiehed difettuz u bla ebda siwi fil-ligi;*

*2.Tordna r-rexxizjoni ta' dik il-parti tal-att tat-30 ta' Novembru 2010 ppubblikat min-Nutar Reuben Debono li tikkoncerna l-plots bin-numri tlieta (3)*

*u erbgha (4) fi Triq Jean de la Cassiere, San Pawl il-Bahar, akkwistati mir-rikorrenti;*

*3.Tahtar lin-nutar Rueben Debono u jew Nutar pubbliku iehor, sabiex jippubblika l-att ta' rexxizjoni relattiv, f'hin, jum, u lok li jigi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti;*

*4.Tordna lill-intimati sabiex jidhru fuq tali att ta' rexxizjoni u tahtar kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci fuq tali att;*

*5.Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli ghall-fatt li t-titolu tal-plots akkwistati mir-rikorrenti permezz tal-att tat-30 ta' Novembru 2010 huwa wiehed difettuz u bla ebda siwi fil-ligi;*

*6. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandhom jirrifondu lir-rikorrenti s-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin elf u mija u serbgha u ghoxrin euro (€457,127), bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 t'April 2011 sal-hlas effettiv, rapprezentanti l-flus mahruga mill-istess rikorrenti in konnessjoni mal-akkwist tal-plots mertu ta' din il-kawza;*

*7.Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex jirrifondu u jhallsu lir- rikorrenti s-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin elf u mija u sebgha u ghoxrin euro (€457,127) bl-imghaxijiet legali b'effett mill-1 t'April 2011 sal-hlas effettiv;*

*8.Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom ghandhom jaghmlu tajjeb ukoll ghad-danni sofferti mir- rikorrenti in konnessjoni mal-akkwist tal-plots mertu ta' din il-kawza;*

*9. Tillikwida d-danni hekk sofferti mir-rikorrenti okkorrendo bil-hatra ta' periti nominandi;*

*10.Tordna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu lir- rikorrenti d-danni hekk likwidati.*

*Bl-ispejjez kollha ta' din il-kawza, inkluz l-ispejjez tal-ittra ufficjali 952/2010, u tal- mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1059/11, kollox kontra l-intimati li huma minn issa ngunti in subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors guramentat.

Rat **ir-risposta guramentata**[2] **ta' Grazio sive Grezzju Chetcuti (ID 220145M) f'ismu proprju u bħala prokuratur ta' Salvatore sive Sam Vella (Passaport Malti 820883), Rose Mary sive Ricky Baskerville nee Vella, Jenny Russell nee Vella u Mary Varnavelias nee Vella, ilkoll residenti l-Awstralja, Josephine sive Ġuża Vella (ID 510834M), Victoria Sciberras (ID 112048M), Carmel sive Charlie Chetcuti (ID 805253M), Carmen Busuttil (ID 51461M), Emanuel Zarb (ID 45063M), Catherine Casapinta (ID 169564M), Joseph Zarb (ID 180666M), Antonia Zarb (ID 175040M), Emanuel Zarb (ID 839634M) f'ismu proprju u f'isem ħuh Anthony Żarb (Passaport Kanadiż 729885), Grazia Zarb (ID 1535M), Carmelo Bezzina (ID 315945M) f'ismu proprju u f'isem oħtu Maria Muscat (Passaport Malti 792816), John Mary Bezzina (ID 553546M), Anthony Bezzina (ID 655852M), Rita Sant (ID 54054M), Josephine Caruana (ID 182556M), Victoria Vella (ID 677357M), Christine Micallef (ID 279462M), Anna Grech (ID 351965M), Paola Sant (ID 389460M), Agostino Muscat (ID 535725M), John Muscat (ID 97052M), Joseph Muscat (ID 805053M),**

[2] Fol 13 et seq

**Maria Dolores Muscat (ID 397958M), Carmelo Muscat (ID 217560M), Anthony Muscat (ID 743661M), Victoria Muscat (ID 550163M), Mary Concetta Muscat (ID 613464M), Emanuel Muscat (ID 413366M), Speranza Camilleri (ID 120929M), Joseph Dimech (ID 176036M) u Veneranda Dimech (ID 173839M) li giet prezentata fit-3 ta' Novembru, 2011**, li permezz taghha ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

1) *"Preliminarjament, l-intimati jeċċepixxu l-intempestivita' tal-azzjoni attriċi in kwantu l-pretensjonijiet vantati minn terzi bl-ebda mod ma ġew rikonoxxuti jew konfermati iżda saħansitra sa issa ġew riġettati minn din l-Onorabbli Qorti;*

2) *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-bejgħ tal-immobbli li fuqu allegatament hemm pretensjoni ta' terzi huwa res inter alios acta u għalhekk huma mhumiex il-leġittimi kontraditturi;*

3) *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li, kif saħansitra jirriżulta mir-rikors promotorju, l-immobbli mibjugħ minnhom lill-atturi għandu titolu tajjeb u ma teżisti ebda pretensjoni ta' terzi, jew molestji ta' terzi, fuq l-istess;*

4) *Illi għalhekk ma teżisti ebda kawżali għar-rexxissjoni tal-bejgħ tal-immobbli ġja' proprjeta' tal-esponenti lill-atturi;*

5) *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi kif diretti kontra tagħhom huma infondati fil-fatt u fid-dritt in kwantu huma ma iggarantewx it-titolu u/jew paċifiku pussess tal-immobbli mibjugħ minn terzi lill-atturi;*

6) *Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, dato ma non concesso li hemm xi difett fit-titolu tal-immobbli trasferit mill-konvenuti l-oħra lill-atturi, l-esponenti jirriservaw li jinvokaw ir-rexxissjoni tal-att kollu, jew tat-taqsimiet kollha tal-att li għandhom x'jaqsmu bejniethom a tenur tal-artikolu 1211(2) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

7) *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tal-atturi għall-ħlas lilha tas-somma ta' erba' mija u sebgha u hamsin elf u mija u sebgha u ghoxrin euro (€457,127) hija bla bażi fil-fatt u fid-dritt;*

8) *Illi, mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talba tal-atturi għad-danni hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-istess atturi ma għandhiex jedd jirreklamaw danni u, fi kwalunkwe każ, huwa ammess mill-atturi innifishom li l-eċċipjenti aġixxew b'bona fidi;*

9) *Salv eċċezzjonijiet oħra."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat **ir-risposta guramentata**[3] **ta' Carmel u Salvina konjugi Grima li giet prezentata fl-4 ta' Novembru, 2011**, li permezz taghha issollevaw dawn l-eccezzjonijiet:

*"1.Illi t-talbiet rikorrenti ghandhom jigu respinti bl-ispejjez stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.*

*2.Illi fit-tieni lok, ir-rikorrenti ghandhom jindikaw liema hija l-azzjoni li qed iressqu, taht liema artikolu tal-ligi qeghdin isejsu tali azzjoni u taht liema artikolu tal-ligi qeghdin jibbazzaw ir-rimedju mitlub.*

---

[3] Fol 19 et seq

*3.Illi in effetti ghandu jinghad li permezz tal-kuntratt tat-30 ta' Novembru, 2010, ir-rikorrenti xtraw is-siti in kwistjoni minnhom akkwistati skond il-provvenjenza indikata, liema provvenjenza giet ivverifikata permezz ta' ricerki maghmula min-Nutar Reuben Debono maghzul mill-istess rikorrenti.*

*4.Illi konsegwentament l-istess rikorrenti vverifikaw ir-ricerki, kienu jafu sa fejn dawn iwasslu u jekk dawn ma kienux sodisfacenti bizzejjed misshom ma ffirmawx il-kuntratt.*

*5.Illi del resto jinghad li din l-azzjoni hija intempestiva stante li ghal ta' l-inqas s'issa hadd m'hu qed jivvanta xi titlu jew jittanta jimpunja l-Att in kwistjoni imma kull ma hemm pendenti quddiem il-Qrati hija azzjoni possessorja.*

*6. Illi dwar it-talba ghar-rizarciment ta' danni jinghad li l-ebda danni m'huma dovuti peress li l-kuntratt tat-30 ta' Novembru, 2010 sar in bono fede u wara li saru is-soliti ricerki permezz ta' Nutar nominat mir-rikorrenti kif spjegat.*

*7. Illi inoltre, stante li kif inghad m'hemm l-ebda proceduri pendenti intizi sabiex jimpunjaw l-att ta' l-akkwist in kwistjoni, allura ma jistghu qatt jigu riklamati danni residwali.*

*8.Illi se mai u in pessima ipotesi m'hemmx danni kbar x'jigu likwidati peress li jekk tigi milqugha t-talba ghar-rexxissjoni allura r-rikorrenti jiehdu flushom lura bl-imghax u se mai, jigu kkumpensati ghall-ispejjez maghmula in konnessjoni mal-pubblikazzjoni ta' l-imsemmi Att. F'dan is-sens jinghad li l-intimati qatt ma jistghu jigu ritenuti responsabbli ghal xi investimenti sussidjarji li jkunu ghogobhom jaghmlu r-rikorrenti.*

*9.Illi minghajr pregudizzju ghal dak li ntqal l-ammont riklamat huwa eccessiv.*

*10.Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat **ir-risposta guramentata**[4] **ta' M&R Holdings Limited li giet prezentata fis-26 ta' Jannar, 2012**, li permezz taghha ressqu dawn l-eccezzjonijiet:

*"1.Illi b'referenza ghall-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat, ma kienux l-esponenti li ttrasferew lill-atturi iz-zewg plots immarkati bin-numri tlieta u erbgha rispettivament fi Triq Jean De La Cassiere, San Pawl il-Bahar.*

*2.Illi b'referenza ghat-tieni paragrafu tar-rikors guramentat ghandu jigi precizat illi iz-zewg kumpaniji esponenti huma cedenti a favur l-atturi tad-drittijiet taghhom naxxenti minn konvenji li huma kellhom mal-Vendituri u mhux cessjonarji kif hemm deskritti.*

*3.Illi l-esponenti jaqblu mal-fatti kif esposti fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat.*

*4.Illi dwar dak li l-atturi jallegaw fir-raba' paragrafu tar-rikors guramentat taghha, l-esponenti jaqblu li l-bdiewa Gauci sa issa ma resqu l-ebda prova fil-proceduri gudizzjarji hemm imsemmija li huma s-sidien tal-propjeta' in kwistjoni. Fl-istess raba' paragrafu, l-atturi jallegaw li l-Vendituri qatt ma kienu sidien ta' circa nofs il-plots 5 u 6 fuq imsemmija. Illi dwar dan l-esponenti li jistghu jghidu huwa illi meta huma resqu fuq il-konvenji rispettivi taghhom mal-Vendituri, il-Vendituri kienu obbligaw ruhhom li jbieghu il-plots numri 3 u 4 li min-naha taghhom l-esponenti obbligaw ruhhom li jixtru. Kienu*

[4] Fol 37 et seq

*dawn l-obbligazzjonijiet reciproci fuq konvenji, u cioe' promessa ta' bejgh u ta' xiri, li l-esponenti cedew lill-atturi.*

*5.Illi fil-hames u s-sitt paragrafi l-atturi jallegaw li nofs il-plots 3 u 4 ma kienux jappartjenu lill-Vendituri meta resqu fuq l-att tat-30 ta' Novembru 2010 nonostante li taw diversi garanziji. Dwar din l-allegazzjoni l-esponenti jirrispondu billi jirrilevaw illil-atturi, filwaqt li qed jallegaw li bil-kuntratt de quo ma giex trasferit lilhom circa nofs il-plots 3 u 4, fl-istess hin ma jghidux jekk jirrizultaliex min hu allura s-sid ta'dawn iz-zewg plots. Fi kwalunkwe kaz l-esponenti, qua cedenti fuq l-att tat-30 ta' Novembru 2010, ma taw ebda wahda mill-garanziji imsemmija fil-hames paragrafu, liema garanziji inghataw esklussivament mill-Vendituri.*

*6.Illi huma esklussivament il-Vendituri li ghandhom ir-responsabbilta' civili li jaghtu rimedju fir-rigward tal-garanziji minnhom moghtija.*

*7.Illi dwar it-tmien (8) paragrafu fir-rikors guramentat ghandu jinghad illi il-pretensjoni tal-familja Gauci fuq l-art in kwistjoni mill-bidunett dehret illi ma kelliex mis-sewwa tant illi t-talba taghhom ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 33/11 JRM giet michuda. Tentativ iehor mill-familja Gauci maghmul fis-sena 2009 fejn talbu l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni iehor ukoll kien gie michud. Fix-xhieda minnhom moghtija fil-proceduri gudizzjarji gia' pendenti, id-diversi membri tal-familja Gauci mitlubin jipproducu prova dwar att ta' akkwist minnhom jew mill-precedessuri taghhom baqghu ma pproducew xejn. Il-pretensjonijiet tal-familja Gauci dejjem gew opposti sew mill-Vendituri sew mill-esponenti.*

*8.Illi mhux minnu dak allegat mill-atturi fid-disa (9) paragrafu tar-rikors guramentat li l-esponenti kienu jafu li l-vendituri kellhom titolu ta' propjeta'*

*difettuz. Qed tigi respinta wkoll l-allegazzjoni tal-atturi illi l-esponenti agixxew b'mod qarrieqi u frawdolenti. L-esponenti ma kellhomx raguni jiddubitaw mit-titolu tal-vendituri, specjalement meta l-kuntratt kien ser jigi ppubblikat wara li saru r-ricerki relativi u ghadda wkoll mill-gharbiel tal-bank illi ta il-facilitajiet bankarji in konnessjoni mal-bejgh de quo.*

*9.Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt inkwantu f'cessjoni ta' dritt naxxenti minn konvenju, id-dritt cedut ossia trasferitt lill-kompratur il-gdid ma hux id-dritt ta' propjeta' libera u franka iżda l-obbligazzjoni da parti tal-venditur li jbiegh il-propjeta' suggett ta' dak il-konvenju lic-cessjonarju taht il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess konvenju. L-atturi kellhom kull opportunita' qabel resqu ghall-att tac-cessjoni u tax-xiri illi jqabbdu il-konsulenti tal-fiducja taghhom sabiex jivverifikaw it-titolu ta' propjeta' li kellhom il-vendituri. Il-garanzija li l-esponenti, qua cedenti u mhux vendituri, taw ex lege a favur is-socjeta' attrici kienet tirrikwarda l-ezistenza tal-obbligazzjonijiet ta' xiri u bejgh tal-art de quo naxxenti minn konvenji vigenti fil-mument tal-att tac-cessjoni. Dan l-obbligu l-esponenti onorawh. Dak li l-atturi qed jippretendu fil-konfront tal-esponenti qua cedenti huwa manifestament infondat fil-fatt u fid-dritt.*

*10.Illi t-talbiet attrici fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-atturi, fil-mument li resqet fuq l-att ta' cessjoni ta' drittijiet naxxenti minn konvenji, kienu qed jakkwistaw minghand l-esponenti id-dritt li jixtru huma l-propjeta' de quo ad esklussjoni tal-esponenti. Konsegwentament akkwistaw ukoll id-dritt illi jharrku lill-Vendituri fl-eventwalita' li jirrizultalhaom titolu difettuz. Il-garanzija fir-rigward tat-titolu ta' propjeta' li minnu qed tilmentaw l-atturi inghatat mill-Vendituri u mhux mill-esponenti.*

*11.Illi l-atturi kien ikollhom dritt iharrku lill-esponenti kieku irrizulta li ma kienx hemm konvenju vigenti fuq iz-zewg proprjetajiet fuq imsemmija fil-mument tac-cessjoni, li ma hux il-kaz u lanqas qed jigi hekk allegat mill-atturi. Ghaldaqstant  it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt.*

*12. Illi t-talba attrici ghar-rexxissjoni tac-cessjoni maghmula bejn iz-zewg socjetajiet esponenti u l-atturi hija infondata fil-fatt u fid-dritt in kwantu tali cessjoni hija valida u skond il-ligi u ma kien hemm l-ebda nuqqas da parti tal-esponenti.*

*13. Illi l-esponenti ma huma responsabbli ghall-ebda danni fil-konfront tas-socjeta' attrici u dan b'mod partikolari b'referenza ghall-artikolu 1476 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*14. Illi l-esponenti jafu bil-fatt premessi personalment.*

*Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat il-lista tax-xhieda annessa mar-risposta guramentata.

Rat it-traskrizzjoni tax-xhieda u l-affidavits prezentati mill-partijiet.

Rat id-dokumenti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat in-Noti ta' Sottomissjonijiet skambjati bejn il-partijiet u semghet it-trattazzjoni finali tad-difensuri taghhom.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat illi **din il-kawza hija konnessa ma' dik fl-ismijiet B. Grima & Sons Ltd vs Carmel Grima et (Rik Gur Nru 976/11)[5] li dwarha ser tinghata sentenza llum ukoll minn din il-Qorti.**

**Ikkunsidrat:**

Fil-kaz tal-lum is-soċjeta' attriċi tikkontendi li wara li akkwistat żewg plots immarkati bin-numri 3 u 4 fi Triq Jean De la Cassiere, San Pawl il-Bahar mingħand l-intimati, u hija kienet ser tibda bix-xoghlijiet ta' tħammil fuq l-imsemmija plots, ġiet rinfaċċjata bi proċeduri legali minn terzi li allegaw li ċirka nofs iż-żona mixtrija mill-attriċi tappartjeni lilhom. In sewgitu għal dawn il-proċeduri s-soċjeta' attriċi tallega li ottjeniet provi li juru li ċirka nofs il-plots imsemmija qatt ma kienu jappartjenu lill-vendituri għax ma kinux jiffurmaw parti mill-art li l-konvenuti konjugi Grima kienu akkwistaw originarjament. Per konsegwenza fil-fehma tas-socjeta' attriċi, ġew lezi l-garanziji moghtija lilha mill-vendituri fil-kuntratt t'akkwist ta' tali proprjeta' senjatament (a) il-garanzija tal-paċifiku pussess u l-godiment reali tal-proprjeta', (b) li m'hemmx drittijiet ta' terzi fuq il-proprjeta', u li (c) l-proprjeta' in vendita qiegħda tinbiegħ bħala ħielsa minn kull djun, ipoteki u privileggi u bil-pussess vakanti. Inoltre, ssostni s-soċjeta' attriċi, l-konvenuti konjugi Grima kienu konsapevoli tal-pretensjonijiet ta' terzi fuq l-art in kwistjoni u għalhekk huma agixxew b'qerq u frodi fil-konfront tal-istess soċjeta' attriċi. B'hekk minħabba li parti mill-art mixtrija hija milquta b'titolu difettuz, il-porzjon rimanenti ta' art ma fadallu ebda valur għas-soċjeta' attriċi u għaldaqstant qegħda titlob r-rexissjoni ta' dik il-parti tal-kuntratt li tikkoncerna ż-żewg plots minnha akkwistati kif ukoll ir-rifuzjoni tal-flus minnha mħallsa in konnessjoni mal-akkwist tal-plots mertu ta' din il-kawza. Dan apparti l-pretensjoni ta' ħlas ta' danni li hija tgħid li sofriet minħabba din is-sitwazzjoni.

[5] Verbal tas-seduta tal-11 ta' Jannar 2012 a fol 35

Minn naħa l-oħra l-konvenuti kollha, għajr għal xi eċċezzjonijiet ta' natura preliminari li tqajmu ndividwalment, fil-mertu kollha jirribattu l-pretensjonijiet attrici bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt. Huma jinsistu li t-titolu fuq l-art mibjugħa mhux wieħed difettuz u lil provenjenza tal-art ġiet verifikata dettaljatament minn riċerki tan-Nutar li rrediga l-kuntratt tat-30 ta' Novembru 2010 u għalhekk ma hemm ebda bazi għar-rexissjoni tal-kuntratt ta' kompra-vendita. Inoltre huma jargumentaw li m'għandhomx jirrispondu għal danni għax kollox sar *in buona fede* u ma kien hemm ebda agir qarrieqi jew frawdolenti minn naħa tagħhom. F'kull kaz, jekk jintlaqgħu it-talbiet attriċi, għal massimu huma għandhom jiġu rizarciti tal-flus li hargu in konnessjoni mal-kuntratt impunjat u mhux jigu kumpensati wkoll għal investimenti u spejjez sussidjarji li s-soċjeta' attriċi għogobha tagħmel fir-rigward ta' l-istess art.

Sintetikament l-isfond għall-vertenza tal-lum huwa li:

1. L-attur huwa negozjant tal-proprjeta', ilu jixtri, jbiegħ u jiżviluppa l-proprjeta' għal dawn l-aħħar għoxrin sena[6];

2. Fis-sena 2009 l-attur ġie avviċinat mill-agenzija *Owners Best* dwar xi *plots* għal bejgħ ġewwa Triq Jean de la Cassiere, San Pawl il-Baħar. Sar kuntatt ma' Mario Borg (rapprezentant tas-soċjeta' konvenuta M & R Holdings Ltd u Regent Group). Dan ta' l-aħħar li kienu iffirmaw konvenju mas-sidien sabiex jixtru l-*plots* 3 u 4, kienu lest li jċedi lill-attur id-drittjiet fuq tali akkwist[7];

3. **Fl-4 ta' Settembru 2009** ġie ffirmat konvenju bejn s-soċjetajiet ta' Mario Borg, *qua* ċessjonanti u l-atturi *qua* kumpraturi quddiem in-Nutar Reuben Debono[8] permezz ta' liema ċ-ċessjonanti ddikjaraw li huma kienu ffirmaw konvenju ma' Carmel u Salvina konjugi Grima u oħrajn fejn dawn ta' l-ahhar wiegħdu u obbligaw ruhhom li jbiegħu, jassenjaw u jitrasferixxu liċ-ċessjonanti,

[6] Affidavit a fol 45
[7] Ibid. fol 46
[8] Fol 196 et seq fil-kaz konness Rik Gur 976/11

li minn naħa tagħhom wiegħdu u obbligaw ruħhom li jaċċettaw, jixtru l-porzjonijiet ta' art fabrikabbli kif hemm deskritti f'San Pawl il-Bahar. Minn din il-porzjon art, permezz tal-konvenju tal-4 ta' Settembru 2009, iċ-ċessjonanti obbligaw ruħhom li jċedu in parti d-drittijiet tagħhom tal-fuq imsemmi konvenju lis-soċjeta' llum attriċi bħala kompratur li minn naħa tagħha obbligat ruħha li takkwista d-drittijiet fuq żewg porzjonijiet fabbrikabbli ta' art immarkati bħala plots numru 3 u 4 tal-kejl ta' ċirka 159.79 metri kwadri il-waħda u kif ukoll il-parti stradali ta' circa 31.73 metri kwadri il-waħda li għandha l-faċċata fuq Triq Jean De La Cassiere (liema triq għada trid tinfetaħ), liberi u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħhom u mingħajr ċens.

4. Fl-**20 t'Ottubru 2009** ċertu Carmelo Gauci, Anthony Gauci, Alfred Gauci u Victor Gauci intavolaw rikors għall-ħrug ta' Mandat t'Inibizzjoni (Inib Nru 1715/09RCP) sabiex jittantaw iwaqqfu lill-konjugi konvenuti odjerni Carmel u Sylvia Grima milli jbiegħu l-art indikata fir-rikors[9]. B'digriet datat **29 t'Ottubru 2009**[10] din it-talba ġiet miċħuda stante li fil-fehma tal-Qorti *"hija legalment insostenibbli"*;

5. Fil-**25 ta' Settembru 2009** l-attur applika ma' l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jottjeni permess għall-iżvilupp ta' l-art in kwistjoni, liema permess ħareg fit-3 ta' Gunju 2010[11];

6. Fit-**2 ta' Frar 2010** ċertu Carmelo Gauci, Anthony Gauci, Alfred Gauci u Victor Gauci ntavolaw protest kontra l-konvenuti odjerni Carmel u Sylvia konjugi Grima kif ukoll kontra Mario Borg eżerċenti l-kummerc bħala Regent Group permezz ta' liema allegaw li huma proprjetarji minn żmien antik sa mill-antenati tagħhom fuq il-porzjon art hemm deskritta, liema art kienet fil-pussess

[9] Process anness Mandat Nru 33/11 fl-ismijiet Carmelo Gauci et vs Carmel Grima et a fol 16 et seq
[10] Ibid a fol 68 et seq
[11] Fol 49

kontinwu pubbliku u mhux molestat tagħhom għal aktar minn ħamsin sena. Huma ddifidaw lill-protestati milli jkomplu jivvantaw drittijiet fuq il-proprjeta' msemmija[12];

7. Imbagħad fit-**30 ta' Novembru 2010**[13] ġie ffirmat il-kuntratt finali bejn il-partijiet kollha nvoluti fin-negozju ta' l-art in kwistjoni primarjament:

- L-atturi huma ndikati fil-kuntratt bhala "t-tieni kumpraturi" u/jew "it-tieni ċessjonarji" ta' l-art
- Il-konvenuti M & R Holdings Ltd u Prelude Ltd bħala ċedenti tad-drittijiet tagħhom fuq l-art kif fuq imsemmi;
- Il-konvenuti Carmel u martu Salvina Grima indikati fil-kuntratt bħala t-"tielet vendituri" (vendituri tal-porzjon art in kwistjoni magħrufa bħala porzjon A kif deskritta fil-kuntratt)
- Il-konvenuti l-oħra kollha (vendituri tas-sehem indiviz tagħhom tal-porzjon art in kwistjoni magħrufa bħala porzjon B kif deskritta fil-kuntratt) indikati fil-kuntratt bħala l-"ewwel vendituri" u "t-tieni vendituri" rispettivament.

8. Skont il-kuntratt imsemmi:

- <u>L-ewwel u t-tieni vendituri</u> kienu jippossjedu kull wieħed–

*"Nofs sehem (1/2) indiviz mill-porzjon art maghrufa bhala Porzjon Art B liema art fabbrikabbli u diviza f'San Pawl il-Bahar bl-arja u sottosuol liberu taghha u li ghandha l-faccata fuq Triq Jean De La Cassiere (liema triq ghad trid tinfetah) u li tikkonfina mill-Lvant ma' certi Doris u Mary xebbiet minn Hal Qormi, punent ma' proprjeta' tal-familja Grima jew successuri fit-titolu jew irjieh ohra iktar verjuri, tal-kejl superficjali ta' elf u dsatax punt disgha metri*

[12] Process anness Mandat Nru 33/11 fl-ismijiet Carmelo Gauci et vs Carmel Grima et a fol 72 et seq
[13] Fol 56 et seq fil-kaz konness Rik Gur 976/11

*kwadri (1019.9mk) kif tidher ahjar deskritta in parti bil-kulur blu ghal seba' mija u erbghin metri kwadri (740mk) u in parti bil-kulur orangjo ghal mitejn u disgha u sebghin punt disgha metri kwadri (279.9mk) fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bl-ittra "J" liema art hija libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha u minghajr cens, aktar 'il quddiem imsejha wkoll bhala porzjon ittra B numru wiehed (B1)."*

- <u>It-tielet vendituri</u> kienu jippossjedu –

*"Il-Porzjon art maghrufa bhala porzjon A liema art hija fabbrikabbli u diviza f'San Pawl il-Bahar bl-arja u sottosuol liberu taghha tal-kejl superficjali ta' tlett mija u sittax punt erbgha metri kwadri (316.4mk) u konfinanti Punent ma' proprjeta' tal-Knisja, Lvant u Nofsinhar ma' proprjeta' tal-familji Zarb u Dimech jew successuri taghhom fit-titolu jew irjieh ohra iktar verjuri kif ahjar deskritta bil-kulur ahdar fuq il-pjanta hawn annessa u mmarkata bl-ittra "J" liema art hija libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha taghha u minghajr cens.*

- M & R Holdings Ltd u Prelude Ltd bħala "ċedenti" ċedew u trasferew a favur l-atturi d-drittijiet naxxenti mill-konvenju ffirmat bejniethom, sabiex il-kumpraturi jixtru –

*"zewg porzjonijiet fabbrikabbli ta' art immarkati bhala plots numru tlieta (3) u erbgha (4) tal-kejl ta' circa mija u disgha u hamsin punt sebgha disgha metri kwadri (159.7mk) il-wahda u kif ukoll il-parti stradali ta' circa wiehed u tletin punt sebgha hamsa metri kwadri (31.75mk) 'il wahda li ghandha faccata fuq Triq Jean De La Cassiere (liema triq ghad trid tinfetah), liberu u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom u minghajr cens."*

- L-ewwel, it-tieni u t-tielet vendituri kollha flimkien biegħu u trasferew lis-soċjeta' attriċi –

*"Zewg Porzjonijiet Fabbrikabbli ta' art immarkati bhala plots numru tlieta (3) u erbgha (4) tal-kejl circa mija u disgha u hamsin punt sebgha disgha metri kwadri (159.7mk) il-wahda u kif ukoll il-parti stradali ta' circa wiehed u tletin punt sebgha hamsa metri kwadri (31.75mk) 'il wahda li ghandha faccata fuq Triq Jean De La Cassiere (liema triq ghad trid tinfetah), liberu u franki, bid-drittijiet u pertinenzi kollha taghhom u minghajr cens.*

- Ma dan il-bejgh is-soċjeta' attriċi qua kumpratur ingħatat diversi **garanziji** fosthom dawk enumerati 2, 4 u 6 hawn elenkati rispettivament –

***"L-ewwel, it-tieni u t-tielet vendituri rispettivament jiggarantixxu l-pacifiku pussess u godiment reali tal-proprjeta' hawn trasferita b'Ipoteka Generali fuq il-beni kollha taghhom, prezenti u futuri, favur tat-tielet kumpraturi accettanti."***

***"Il-vendituri jiggarantixxu illi m'hemmx drittijiet ta' terzi fuq il-proprjeta' inkluz pero' mhux limitat ghal qbiela, kirjiet, drittijiet ta' bdiewa u servitujiet."***

***"Il-vendituri jiggarantixxu illi l-proprjeta' in vendita qeghda tinbiegh bhala hielsa minn kull djun, ipoteki u privileggi u bil-pussess vakanti."***

9. Fit-**22 ta' Diċembru 2010** rega' sar protest ieħor mill-protestanti Gauci fuq l-istess binarji tal-protest tat-2 ta' Frar 2010, kontra l-istess persuni ndikati f'dak

il-protest u din id-darba wkoll kontra l-attur odjern u Isaac Grima personalment (azzjonist tas-socjeta' attriċi fil-kawza konnessa)[14];

10. Fit-**12 ta' Jannar 2011**, Carmelo Gauci et intavolaw rikors għall-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni kontra l-istess persuni appena msemmija (Inib 33/11JRM) fejn saret talba sabiex dawn l-intimati jinżammu milli jidħlu fil-porzjon art hemm imsemmija u dan fuq il-premessa li huma s-sidien tagħha sa minn żmien antik u li kienu fil-pussess ta' l-istess art għal aktar minn ħamsin sena[15]. Din it-talba ġiet miċħuda b'digriet tas-**7 ta' Frar 2011;**

11. Fis-**26 ta' Jannar 2011**, Carmelo Gauci et fetħu proċeduri quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet **Carmelo Gauci et vs Carmel Grima et** (Rik Gur 85/11) inkluz kontra l-attur odjern Salvu Grech. L-atturi f'dik il-kawza ppremettew li huma proprjetarji u possessuri minn żmien antik u mill-antenati tagħhom tal-porzjon art f'San Pawl il-Baħar, adjaċenti ma' proprjeta' tal-Uffiċċju Konġunt, liema proprjeta' tal-Uffiċċju Konġunt hija magħrufa Tal-Imgħażqa, liema art hija tal-kejl ta' circa 850 m.k. Huma allegaw li f'Jannar 2011, il-konvenuti jew min minnhom, b'mod abbużiv u b'detriment għad-drittijiet tal-istess atturi daħlu fl-imsemmija proprjeta' u huma jew persuni inkarigati minnhom bdew iħammluha b'dana li kkomettew spoll. Ghalhekk l-atturi talbu lill-Qorti tordna lill- konvenuti jew min minnhom sabiex jirripristinaw l-art in kwistjoni għall-*istatus quo ante*. B'sentenza tas-**27 ta' Settembru 2015** il-Qorti ċahdet it-talbiet attriċi iżda wara appell mill-atturi, il-Qorti tal-Appell fid-**29 t'April 2016** irrevokat tali sentenza u bagħtet l-atti lura lill-Ewwel Qorti sabiex tiddeċiedi dwar l-elementi rimanenti tat-talba attriċi. Fis-**27 t'Ottubru 2017** l-ewwel Qorti reġgħet tat sentenza fejn din id-darba laqgħet it-talbiet attriċi u pprefiggiet terminu ta' xahrejn sabiex l-art in kwistjoni

[14] Process anness Mandat Nru 33/11 fl-ismijiet Carmelo Gauci et vs Carmel Grima et a fol 86 et seq
[15] Process anness Mandat Nru 33/11 fl-ismijiet Carmelo Gauci et vs Carmel Grima et a fol 1 et seq

terġa tiġi ripristinata. Prezentement hemm appell pendenti mill-konvenuti f'dik il-kawza quddiem il-Qorti ta' l-Appell.

12. Infetħu wkoll proceduri[16] kriminali kontra r-rapprezentat tas-socjeta' attriċi flimkien ma' oħrajn fejn ġew akkuzati li fil-15 ta' Jannar 2011 huma abbuzivament u llegalment daħlu f'biċċa raba' li llum hija mertu wkoll tal-proċeduri odjerni, u li ħammlu partijiet minnha bi pregudizzju għad-drittijiet tas-sidien jew detenturi tagħha Carmel Gauci et.

Esposti dawn il-fatti l-Qorti sejra l-ewwel tieħu konjizzjoni ta' xi eċċezzjonijiet preliminari mressqa minn uħud mill-konvenuti.

## A. ECCEZZJONIJIET PRELIMINARI

### 1. <u>Intempestivita' ta' l-azzjoni attriċi</u>

Fir-risposta guramentata ta' Grazio sive Grezzju Chetcuti et tqajmet din l-eċċezzjoni –

*"(1) Preliminarjament l-intimati jeccepixxu l-intempestivita' ta' l-azzjoni attrici in kwantu l-pretensjonijiet vantati minn terzi bl-ebda mod ma gew rikonoxxuti jew konfermati iżda sahansitra sa issa gew rigettati minn din l-Onorabbli Qorti."*

Eċċezzjoni simili ġiet sollevata mill-konvenuti Carmel u Salvina konjugi Grima-

[16] Fol 157

*"5. Illi del resto jingħad li din l-azzjoni hija intempestiva stante li għal ta' l-inqas s'issa ħadd m'hu qed jivvanta xi titlu jew jittanta jimpunja l-Att in kwistjoni imma kull ma hemm pendenti quddiem il-Qrati hija azzjoni possessorja."*

Dawn l-eċċezzjonijiet huma naxxenti minn u marbuta intrisikament mal-pretensjonijiet li l-bdiewa Carmelo Gauci et qegħdin jivvantaw fuq l-art.

Iżda l-Qorti tqis li dawn l-eċċezzjonijiet mhumhiex gustifikati. Fl-ewwel lok il-Qorti tifhem li l-ilment tal-attur jirrigwarda l-allegata molestja *per se* li hija qed issofri mill-bdiewa bil-proċeduri li gew intavolati. Fit-tieni lok minn qari tar-rikors guramentat jirrizulta li t-talbiet attriċi għar-rexissjoni tal-kuntratt tat-30 ta' Novembru 2010 mhumhiex ippernjati biss fuq il-kwistjoni li tqajmet minn dawn il-bdiewa dwar l-art mertu ta' dawn il-proċeduri. B'hekk dik il-kwistjoni, anke jekk sa issa għadha pendenti quddiem il-Qrati mhijiex ostaklu għall-intavolar ta' dawn il-proċeduri tal-lum. Infatti huwa ċar li l-atturi qegħdin iserrħu l-pretensjonijiet tagħhom ukoll fuq l-allegazzjoni li *"in segwitu ghall-hrug tal-mandat t'inibizzjoni 33/11 JRM, ir-rikorrenti gew a konjizzjoni tal-fatt li l-istess proprjeta', li tkopri circa nofs il-plots akkwistati minnha, qatt ma kienet proprjeta' tal-Vendituri, stante li ma kinitx tifforma parti mill-art akkwistata originarjament mill-intimati Carmel u Salvina Grima;"*. Tqies lil pretensjonijiet tal-bdiewa huma bbażżati fuq kontestazzjoni possessorja, (spoll privileggat), mentri ta' l-atturi jirrigwardaw dritt petitorju. .

Zgur li din il-bazi tal-ażżjoni appena msemmija ma tirrendix l-ażżjoni attriċi bħala waħda ntempestiva.

**L-eċċezzjoni hija miċħuda.**

## 2. <u>Legittimu kontradittur</u>

Il-konvenuti Grazio sive Grezzju Chetcuti et jeċċepixxu li –

*"2) Illi, subordinatament u mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tal-atturi huma infondati fil-fatt u fid-dritt, stante li l-bejgħ tal-immobbli li fuqu allegatament hemm pretensjoni ta' terzi huwa res inter alios acta u għalhekk huma mhumiex il-leġittimi kontradritturi;"*

Dawn il-konvenuti jissottomettu[17] li l-parti ta' l-art mibjugħa minnhom lill-atturi għandha titolu tajjeb u ma tezisti l-ebda pretensjoni ta' terzi jew molestja dwarha. Anke r-riċerki fuq l-art juru li dak trasferit minn dawn il-konvenuti kien fil-fatt jgħajjat lilhom permezz ta' titolu validu fil-ligi. Fil-fehma ta' dawn il-konvenuti, la l-ilment tal-atturi jirrigwarda l-porzjon art trasferit minn Carmel u Salvina konjugi Grima, huma ma kellhomx jintavolaw il-kawza kontra dan il-grupp ta' konvenuti wkoll. B'hekk huma għandhom jiġu liberati mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għal dak li tgħid il-gurisprudenza in materja. Kif sottolineat minnha stess fil-kaz **Joseph Gatt vs Polidano Brothers et deċiz fid-29 ta' Novembru 2017**[18] **-**

*"Kif inghad minn din il-Qorti stess fil-kaz* ***Pauline MacDonald vs Medistar Healthcare Services Limited et***[19] ***deciz fit-28 ta' Settembru 2016*** *-*

*"Il-kriterji li jirrendu parti f'kawza bhala legittimu kontradittur jirrizultaw ben cari mill-gurisprudenza:*

***Focal Maritime Services Company Limited vs Top Hat Company Limited*** *deciza fid-9 t'April 2008 mill-Qorti tal-Appell**:***

*"In linea ta' prinċipju ġenerali huwa, bla dubju, indiskuss illi d-deduzzjoni ta' konvenut f'ġudizzju trid, neċessarjament, titwieled minn rapport ġuridiku, sija jekk dan jemani minn kuntratt, leżjoni ta' dritt minn intervent delittwuż jew akwiljan, ope successionis jew minn sitwazzjonijiet strutturalment komuni (ad*

[17] Nota ta' Sottomissjonijiet a fol 683 et seq
[18] Rik Gur 66/10
[19] Rik Gur 700/14

*eżempju, f'kondominju jew il-krejazzjoni ta' ċerti servitujiet). Li jfisser, b'konsegwenza, illi kawża ma tkunx tista' tikkonsegwi l-iskop tagħha jekk mhux fil-konfront ta' dak li miegħu l-attur, għal xi waħda mill-konnessjonijiet aċċennati, għandu relazzjoni ġuridika.*

*Fil-kaz fl-ismijiet* ***Edgar Urpani pro et noe vs Continental Meat Co. Ltd deciz fit-23 t'Ottubru 2009***[20] *intqal hekk:*

*"Huwa ben risaput illi, u apparti mill-operat tal-ligi, il-kostituzzjoni in gudizzju ta' parti mharrka tinsel minn qaghda ta' rapport guridiku precedenti, sija kontrattwali, extra-kontrattwali, delittwuz jew akwiljan. Ara Artikolu 959 Kodici Civili. Dan necessarjament ifisser illi l-azzjoni proposta jrid ikollha bejn il-partijiet konnessjoni ma' l-oggett jew it-titolu tal-kawza."*

*Illi inoltre l-gurisprudenza tkompli hekk:*

*"**<u>Ghal fini tal-valutazzjoni ta' l-integrita` tal-kontradittorju rigward irid isir b'mod esklussiv ghal dak prospettat mill-attur bit-talba tieghu. Dan ghaliex il-kontradittorju hu determinat fuq il-bazi tad-domanda proposta</u>**[21]. " **(Avukat Dr Aaron Mifsud Bonnici noe vs European Institute of Education Limited)**[22]**."***

Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis li din l-eċċezzjoni mhijiex akkoljibbli. Mingħajr ma tidħol fil-mertu tal-kaz f'dan l-istadju huwa ċar li l-premessi u t-talbiet attriċi jolqtu anke l-parti ta' l-art mibjugha mill-konvenuti Grazio sive Grezzju Chetcuti et. Infatti partikolarment l-ewwel talba attrici hi ghar-rexissjoni tal-parti tal-kuntratt li tirrigwarda l-plots intieri numru 3 u 4 <u>mhux parti minnhom</u> <u>biss</u> – b'hekk anke l-porzjon art mibjugħa mill-konvenuti Grazio sive Grezzju Chetcuti et hija milquta. Dan għax skont ma tippremetti s-soċjeta' attriċi hija *"ma kinitx ser takkwista l-plots in kwistjoni minghajr dik il-parti li*

[20] Rik 1758/99 Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri)
[21] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti
[22] (Nru 777/06) deciz 13 ta' Marzu 2009 mill-Qorti ta' l-Appell

*ghandha t-titolu difettuz, u dan peress li tali parti tant hija kbira (madwar nofs il-plots) li minghajrha, r-rimanenti porzjon tal-proprjeta' ma jkollha ebda valur."*

Isegwi għalhekk li fil-proċeduri odjerni hemm ir-rapport ġuridiku meħtieg bejn dawn il-konvenuti msemmija u l-atturi li tirrendi tali konvenuti legittimi kontradditturi sabiex jirrispondu għall-pretensjonijiet attriċi. Anzi huwa proprju fl-interess tagħhom li jkunu parti minn din il-kawza sabiex jilqgħu għall-ażżjoni attriċi li tolqot direttament il-porzjon art minnhom mibjugħa lill-atturi.

**Anke din l-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi miċħuda**.

**3. <u>Bazi tal-azzjoni attriċi</u>**

Il-konvenuti konjugi Grima ressqu din l-eċċezzjoni -

*"...ir-rikorrenti ghandhom jindikaw liema hija l-azzjoni li qed iressqu, taht liema artikolu tal-ligi qeghdin isejsu tali azzjoni u taht liema artikolu tal-ligi qeghdin jibbazaw ir-rimedju mitlub."*

Fl-ewwel lok il-Qorti tirrileva li kif inhu anke magħruf fil-gurisprudenza, l-obbligu tal-artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fuq min jintavola proċeduri fil-Qrati mhuwhiex li jindika bil-punt u l-virgola l-artikolu fil-ligi li fuqu qiegħed isejjes l-azzjoni tiegħu, iżda li fost ohrajn jaghmel *"dikjarazzjoni li tfisser b'mod car u sewwa l-oggett tal-kawza"*, *"ir-raguni tat-talba"* u li jelenka t-talbiet tieghu.

Fil-kaz **Michael Barwhani pro et noe vs Kummissarju tat-Taxxi deciz fil-25 ta' Jannar 2016**[23], il-konvenut kien qajjem eċċezzjoni ta' nullita' tar-rikors ġuramentat peress li dan ma kien mibni fuq l-ebda dispozizzjoni tal-ligi u li l-attur *pro et noe* kellu jindika abbażi ta' liema artikolu tal-liġi hija msejsa din il-proċedura. Il-Qorti kienet caħdet din l-eċċezzjoni għax –

[23] Rik 67/15

*"……mhix sostenibbli billi fir-rit proċedurali tagħna r-rikorrent huwa tenut jesponi b'mod ċar il-fattispeċje tal-każ u t-talba u xejn iktar minn hekk. Sta għall-Qorti li tindika l-liġi applikabbli."*

Dan il-prinċipju huwa wkoll sostnut f'aktar gurisprudenza in materja.

Fil-kaz **Jonathan Ellul et vs Jesmond Mercieca et deċiz fl-14 t'April 2016**[24] inghad hekk-

*"Illi huwa wkoll mizmum bhala principju generali li n-natura u l-indoli tal-azzjoni ghandhom jinstiltu mit-termini ta' l-att li bih ikunu nbdew il-proceduri*[25]*. Normalment, b'dan wiehed jifhem li dak li kellu f'mohhu min ikun fetah il-kawza jkun irid jirrizulta mill-att promotur innifsu u mhux minn provi li jitressqu izjed 'il quddiem fil-kawza*[26]*. B'dan il-mod, jekk id-difett fit-tfassila tal-att li bih tkun inbdiet il-kawza ma jgibx pregudizzju serju lill-parti mharrka, allura ma jistax jinghad li l-att promotur huwa milqut min-nuqqas ta' siwi jew li l-procedura ma tkunx tista' tigi salvata, imbasta li dan ma jaffettwax is-sustanza tal-azzjoni jew tal-eccezzjonijiet*[27]*;*

Imbaghad fil-kaz **George Micallef vs Anthony Grima et deċiz fid-29 t'April 2016** il-Qorti tal-Appell qalet hekk[28]-

*"In tema legali din il-Qorti tikkunsidra opportuni s-segwenti principji identifikati mill-gurisprudenza interpretattiva u li huma relevanti ghad-determinazzjoni tal-vertenza soggett ta' dan l-appell. "L-indoli tal-azzjoni tigi dezunta mhux tant mill-kliem piu o meno ezatti ta' l-att istituttiv tal-gudizzju, imma mill-iskop li ghaliha huwa intiz il-gudizzju [Vol.XXXIV.III.746].*

*…….*

*"Biex tigi fissata n-natura vera ta' l-azzjoni li tigi ezercitata wiehed irid ihares mhux lejn il-kliem kemm lejn dak li sostanzjalment gie mitlub*[29] *bic-citazzjoni, jigifieri l-fondament u l-oggett tal-pretensjoni fiha dedotta. Vol.lXXXV.II.776]." [App.S Carmelo Scicluna et vs Angelo Scicluna, 27 Frar 2015]."*

[24] Rik Gur 1190/10MCH
[25] App 07/03/1958 fil-kawza fl-ismijiet **Tabone vs DeFlavia** (Kollez. Vol: XLII.i.87)
[26] App 30/03/1998 fil-kawza fl-ismijiet **Raymond Bezzina vs Anthony Galea** (mhix pubblikata)
[27] PA 24/06/1961 fil-kawza fl-ismijiet **Falzon vs Spiteri et** (Kollez. Vol: XLV.ii.696)
[28] Rik Nru 4/14
[29] Sottolinear tal-Qorti

Applikati dawn il-prinċipji għall-kaz odjern, l-Qorti ssib li r-rikors promotur huwa mfisser b'mod ċar u l-bażi tal-ażżjoni tar-rikorrenti hija ben deduċibbli u ċioe' li qegħda ssir talba għar rexissjoni ta' kuntratt ta' kompro-vendita tal-porzjon art hemm ndikata peress li fil-fehma tal-atturi l-vendituri naqsu milli

jonoraw il-garanziji mogħtija minnhom fil-kuntratt wara li skont l-istess soċjeta' attriċi hija eventwalment skopriet li allegatament fuq parti mill-art mibjugħa hemm titolu difettuz kif ukoll tresqu pretensjonijiet anke jekk possessorji, ta' xi bdiewa fuqha. L-azzjoni hi għalhekk bazata fuq il-garanzija tal-paċifiku pussess, li biha l-bejjiegħ jagħmel tajjeb versu x-xerrej għall-evizzjoni li ttellfu l-ħaga mibjugħa, kollha jew bicca minnha, u servitujiet u piziijiet li terzi jippretendu fuq il-ħaga. Dan jirrizulta ċar u deduċibbli mir-rikors promotur tant lil konvenuti ma sabu ebda diffikulta' jilqgħu b'mod idoneju għat-talbiet.

**L-eċċezzjoni għalhekk sejra tiġi respinta wkoll.**

**B. MERTU**

It-talbiet attriċi huma ppernjati fuq il-pretensjoni li minkejja li l-vendituri solidalment bejniethom taw diversi garanziji fuq il-kuntratt t'akkwist tal-art imsemmija fit-30 ta' Novembru 2010, l-atturi spiċċaw akkwistaw art li madwar nofsha ma kinitx tappartjeni lil uħud mill-vendituri u inoltre lanqas biss tista' taċċedi għal tali art minħabba proċeduri legali li ttieħdu fil-konfront tagħha mill-bdiewa terzi.

Il-Qorti sejra tezamina dawn l-allegazzjonijiet.

Fl-ewwel lok tajjeb li tingħata ħarsa lejn il-gurisprudenza in materja.

Fil-kaz **Peter Incorvaja et vs CMR Commercial Ltd et deċiz** fit-18 ta' Jannar 2018[30] ingħad hekk -

*Fis-sentenza fl-ismijiet **Mary Micallef vs Darker Building Construction Limited** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-19 ta' Jannar 2005 intqal illi:*

[30] Nru 894/12

*"Kif taraha din il-Qorti, il-ksur tal-pacifiku pussess garantit irid jigi inkwadrat bhala fattispeci ta' inadempjiment tal-bejjiegh ghall-obbligazzjoni li jghaddi l-proprjeta` fil-haga venduta lix-xerrej, ossija "le somme dei diritti costituente il domino" (Kollez. Vol. XXIV PI p954). "*

*Minn naha tieghu, l-awtur Trabucchi jispjega l-garanzija tal-pacifiku pussess b'dan il-mod:*

*"Il venditore garantisce per legge di avere un non limitato diritto di proprieta` sul bene venduto, se il suo diritto era invece difettoso, poiche` il difetto si riverbera anche sui suoi aventi causa (nemo plus iuris in alium transferre potest), questi hanno diritto di non subire le conseguenze."*

*Fir-rigward tal-eccezzjoni u l-linja ta' argumentazzjoni tas-socjeta ntimata illi hija kienet in buona fede meta bieghet l-art in kwistjoni lir-rikorrenti, il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Henry Cachia vs Emanuel Azzopardi et*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-16 ta' Mejju 2008 fejn intqal illi:*

*"**Ir-responsabbilta` tal-venditur hija indipendenti mill-mala fede o meno tieghu**."*

*Anke fis-sentenza fl-ismijiet* ***Oliver James et vs Joseph Testa et*** *deciza minn din ilQorti diversament presjeduta fl-1 ta' Dicembru 2011 gie rrilevat illi:*

*"Fil-kuntratt ta' bejgh jinghad espressament li l-bejjiegha qeghdin jiggarantixxu l-pacifiku pussess. X'setghu saru jafu l-atturi mir-ricerki hu irrelevanti. L-istess hu rrilevanti jekk il-bejjiegha kienux in buona fede.* ***Galadarba nghatat il-garanzija tal-pacifiku pussess, il-vendituri ma jistghux iressqu argument biex jippruvaw ifarfru dan l-obbligu minn fuq spallejhom****."*

*Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet* ***Robert Gambin et vs Stefan Vassallo et*** *deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta 27 ta' Ottubru 2016 intqal illi: "Mill-insenjament legali u kif ukoll mill-gurisprudenza nostrana,* ***dan l-argument taghha li hi agixxiet in buona fede ma jistax jintlaqa' minn din il-Qorti.*** *Il-vendituri ma jistghux jigu ezonerati mill-obbligi taghhom rizultanti mill-garanzija tal-pacifiku pussess, billi jippruvaw jevitaw l-obbligi taghhom*

*minn tali garanzija, u jsostnu li l-htija jew in-nuqqas kien fuq xi hadd iehor." (enfasi ta' din il-Qorti)."*

Inoltre fil-kaz **Michael Gauci et vs Alfred Abdilla et deciz fit-3 t'Ottubru 2013**[31]inghad hekk-

*"Il-Qorti pero tirrileva li anke jekk caso mai jirrizulta li ma sarux ricerki qabel il-kuntratt jew ma sarux sew, dan il-fatt ma jikkancellax l-obbligu ta' Abdilla li b'mod espress iggarantew il-pacifiku pussess (ara f'dan il-kuntest is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Sede Kummercjali tal-15 ta' Frar 1995 fil-kawza Charles Mizzi vs Joseph Pace nomine). Fil-kawza* ***Andrew Camilleri et nomine vs Paul Enrico Vella et*** *deciza mill- Prim'Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Jannar 2004 il-Qorti osservat li "Sarux jew le r-ricerki, u sarux sew jew le, jista' jkun relevanti ghar-relazzjoni bejn ix-xerrej u l-konsulenti professjonali tieghu, iżda huwa ghal kollox irrelevanti ghar-relazzjoni bejn bejjiegh u xerrej, ghax il-bejjiegh jibqa' marbut bil-garanzija tal-pussess pacifiku stipulata espressament fil-kuntratt ta' bejgh-u-xiri" (ara wkoll* ***Lec Ltd vs Tabbington****, PA 28/04/2009;* ***Galea vs Dr. P. Falzon****, PA 12/10/2006;* ***Bugeja vs Dr. Cassar****, App 27/07/2007)."*

**I. Allegat titolu difettuz ta' l-art**

Skont l-atturi, ċirka nofs il-plots akkwistati minnha qatt ma kienu proprjeta' tal-vendituri għax ma kinux jiffurmaw parti mill-art akkwistata originarjament mill-konvenuti Carmel u Salvina konjugi Grima.

Fl-affidavit tiegħu[32] l-attur irrefera għall-kaz konness Rik Gur 976/11 u l-provi hemm imressqa. F'xhieda ulterjuri[33] imbagħad, l-attur kompla jixhed li minn riċerki ulterjuri li saru rrizultalu fost oħrajn li għalkemm Carmel Grima jsostni li Bestland Ltd biegħet lilu art ta' ċirka 638mk (pero' kien qed jinbiegħ biss il-kejl li kien baqagħlha), minn riċerki li għamlu l-atturi għall-kuntratti li fihom kienu nvoluti Bestland Ltd u li bihom sar l-akkwist tal-plots, dawn juru fil-fehma tagħhom li Bestland qatt ma kienet akkwistat dak li Grima qed isostni li akkwista mingħandha u għalhekk is-soċjeta' attriċi ssostni li Bestland qatt ma

[31] Cit 37/11
[32] Fol 152
[33] Affidavit a fol 152 et seq

setgħet għaddiet din l-art lil Grima. Il-kuntratti huma dawk datati 20 ta' Lulju 1979[34], 10 ta' Marzu 1980[35] u 26 ta' Gunju 1980[36].

Inoltre, jgħid ix-xhud il-kejl li hu msemmi fil-kuntratt tat-30 ta' Settembru 1991 ta' ċirka 638mk huwa ferm inqas mill-kejl li jiġi ndikat kieku Carmel u Salvina Grima akkwistaw anke l-art li qegħdin ibigħu lis-soċjeta' attriċi. Biss biss din l-art in kwistjoni waħidha ġġib il-kejl ta' ċirk 550mk kif isostni Grima stess fl-ittra li kien bagħat lill-Prokuratur tal-Knisja katedrali fl-2009.

In-**Nutar Reuben Debono** li rrediga l-kuntratt t'akkwist in ezami xehed hekk[37] –

*"Nikkonferma li wara li gie ffirmat il-konvenju, jien ghamilt ir-ricerki, transfers & liabilities fuq ismijiet tal-bejjiegha. Nikkonferma li meta ghamilt ir-ricerki jien ma rrizultali l-ebda problem dwar it-titolu kemm ta' Carmel u martu Grima kif ukoll tal-bejjiegha l-ohra. Nikkonferma li jien rajt in-noti ta' l-insinwa. Rajt ukoll skrizzjonijiet ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' garanziji. Kien hemm ukoll certu affarijiet li dwarhom irreferejt ghal kuntratti. Nikkonferma li l-kuntratti li bihom akkwistaw il-konjugi Grima jien rajthom. Fir-realta' huma akkwistaw permezz ta' kuntratt wiehed. Ma niftakarx jekk kienx hemm pjanta annessa ma' dan il-kuntratt. Jien ghall-finijiet ta' ricerki kont sodisfatt li l-art kienet ta' Grima. Ma qadtx nidhol fid-dettall fis-sens mill-aspett tekniku jekk meta tqabbel il-pjanta tal-konvenju mal-pjanta li kellhom mal-kuntratt t'akkwist taghhom il-konjugi Grima, jekk dawn kinux qed jirriflettu l-istess haga. Il-pjanta tal-konjugi Grima annessa mat-titolu taghhom hi dik immarkata BGS 8 a fol 156.*

*Ricerki fuq l-awturi ta' Grima m'ghamiltx. L-akkwist sar fl-1991. Kien ghalhekk ghaddew l-10 snin, cioe' l-perjodu ta' preskrizzjoni akkwizittiva ta' 10 snin u ghalhekk ma hassejtx il-htiega li mmur iktar lura. Mir-ricerki kien irrizultali li parti mill-art ta' Grima kienet inbieghet fit-3 ta' Dicembru 1991. It-trasferiment kien sar mill-konjugi Grima lil din il-persuna Scerri. Din imma ma kinitx oggett tal-konvenju li ppreparajt jien. Mal-konvenju giet pprezentata pjanta mill-konjugi Grima, fejn indikawli liema hi l-parti li qeghdin ibieghu. Dil-pjanta gie*

[34] Fol 359 et seq fil-kaz konness Rik Gur 976/11
[35] Fol 380 et seq fil-kaz konness Rik Gur 976/11
[36] Fol 386 et seq fil-kaz konness Rik Gur 976/11
[37] Fol 189 et seq fil-kaz konness Rik Gur 976/11

*annessa mal-konvenju kif ukoll mal-kuntratt. Jien ibbazajt ruhi fuq il-kejl, fis-sens li fil-kuntratt ta' akkwist ta' Grima jissemma kejl ta' 638 metri kwadri. Meta tnaqqas il-kejlta' l-art li nbieghet lil Scerri fl-1991, tispicca bid-differenza ta' 316 metri kwadri, cioe' l-kejl li jissemma fil-konvenju.*

*Irrizultali ghalhekk li minn dak li qalli Mr Grima bhala kejl kien korrett. Jien ma qadtx nistudja il-pjanti biex nara hemmx xi over lapping….Jien ma qadtx nidhol fil-kwistjoni jekk Grima kellux fir-realta' l-pussess ta' l-art li akkwistaw fl-1991. Jien personalment ma noqghodx ninvestiga jekk l-art kienx hemm xi hadd fiha, dejjem noqghod fuq dak li jghidli l-persuna li jkolli quddiemi…Jien ma gieni l-ebda suspett dwar jekk Grima humhiex proprjetarji tal-art kollha. Hadd mill-bejjiegha l-ohra ma semmieli jew tani lok x'nifhem hazin fir-rigward tat-titolu ta' Grima. Il-kejl u d-deskrizzjonijiet fl-irjihat kienu jaqblu. …Wara li nqala l-inkwiet jien fl-ebda stadju ma rrizultali li t-titolu li ghandu Grima fuq l-art huwa difettuz."*

In-nutar kompla jixhed[38] li għalkemm wara l-pubblikazzjoni tal-kuntratt in ezami huwa ġie avviċinat minn xi bdiewa li qalu li parti mill-art mibjugħa kienet fil-pussess tagħhom u kellhom drittijiet fuqha għax kienu ilhom snin jaħdmuha. Huwa talab lil dawn il-bdiewa juru xi dokumenti iżda ma wrewh xejn.

Xehdet ukoll **l-avukat Josette Sultana**, avukat tal-Bank of Valletta plc[39] li qalet li parti minn xogħlha huwa li qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratti hija tingħata r-riċerki tan-Nutara u tezaminahom. Hija kienet inkariġata mill-Bank biex tagħmel dawn il-verifiki fir-rigward tal-kuntratt mertu tal-proċeduri odjerni. Hi qalet li *"Ir-ricerki li bghatli n-Nutar Debono, jien rajthom u studjajthom u kont kuntenta dwar it-titolu tal-bejjiegha"*. Hija qalet ukoll li r-riċerki li kellha hi fir-rigward tal-konjugi Grima kienu jibdew mill-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Anthony Gatt fit-30 ta' Settembru 1991. Spjegat ukoll li l-*policy* tal-bank hija li fir-riċerki ma jmorrux lura aktar minn għaxar snin u f'dan il-kaz kien hemm ferm aktar minn hekk. Peress li hija kellha wkoll ir-riċerki ta' Salvina Grima kellha mezz biex tagħmel double checking sabiex tassikura li r-riċerki kollha jaqblu. L-avukat Sultana kompliet hekk – *"F'dal-kaz ma kelli l-ebda dubju fit-*

---

[38] Fol 190-191 fil-kaz konness
[39] Fol 191 et seq fil-kaz konness

*titolu li kien jirrizulta li ghandhom Grima mill-kuntratt tal-31 ta' Settembru 1991."*

Xehed ukoll **Joseph Galea ghan-nom ta' Bestland Ltd**[40], liema' soċjeta' fit-30 ta' Settembru 1991[41] kienet biegħet l-art li llum hemm il-kwistjoni fuqha ma' l-atturi. Muri l-pjanta annessa ma' dak il-kuntratt huwa qal li ma jafx min għamilha imma qabel li *"l-pjanta turi l-art li bieghejna ahna"*. Qal ukoll li minn meta kienu xtraw l-art huma qatt ma gew rinfaċċjati bi kwistjonijiet minn terzi dwarha. Ma jidhirlux li kien hemm xi bdiewa jaħdmuha. Ix-xhud ftakar li darba kien ġie avviċinat mill-konvenut Carmelo Grima sabiex tiġi rrangata bi ftit il-pjanta annessa ma' dak il-kuntratt, iżda huwa rrifjuta li jagħmel dan. Huwa kkonferma li l-art li kienet akkwistat is-soċjeta' kienet biegħetha lil Grima.

F'xhieda ulterjuri dan ix-xhud qal[42] li l-konvenut Grima akkwista mingħandhom il-*plots* numru 40 u 41 kif murija fuq il-pjanta markata Dok JG 1 a fol 348. Mistoqsi għalfejn fil-kuntratt ta' bejgħ lil Grima jingħad li bil-kejl li hemm qed jinbiegħ l-art, ix-xhud wiegeb li dan sar għaliex din kienet l-aħħar plot.

Xehed **il-konvenut Carmelo Grima**[43] li qal li kien hu li pprepara l-pjanta a fol 156 annessa mal-kuntratt tat-30 ta' Settembru 1991 u saret dak il-ħin quddiem in-Nutar. Seduta stante huwa mmarka bl-ittri XYZ u bil-kulur blu l-art mibjugħa lis-soċjeta' attriċi u lill-atturi l-oħra fil-kawza konnessa Rik Gur 977/11. Huwa qal li dan ma kienx kejl preċiz, u li din kienet art li huwa xtara mingħand il-Bestland.
Mistoqsi biex jgħid għalfejn fil-kuntratt tal-1990 din il-porzjon art ma tidhirx, Grima wieġeb li din kienet art abbandunata u kienet l-aħħar biċċa minn 56 plott. Xtraha talequale u bil-konfini, knisja arciveskovili, Triq Pinto fuq quddiem u l-bini ta' ċertu Stanislaw Borg u Karinu Gauci. Meta qam l-inkwiet huwa għamel ir-riċerki u sab li din kienet tal-Knisja katedrali sal-1950. Fis-snin ħamsin kien jaħdimha l-gardinar ta' Chappell u dan sal-1988. Il-konvenut kompla hekk[44] –

[40] Fol 193 fil-kaz konness
[41] Kuntratt a fol 148 et seq
[42] Xhieda a fol 340 et seq fil-kaz konness
[43] Fol 282 et seq. fil-kaz konness
[44] Fol 284. Ara wkoll xhieda a fol 329 – kaz konness

*"Il-Bestland ma kellux kuntratt fuq din il-porzjon art. Bestland kien akkwista minghand Chappell. Mistoqsi jekk Bestland kellux kuntratt ta' pjanta ta' din il-porzjon art XYZ, nghid iva bil-konfini ghax tajthom tal-Kurja…Arciveskovili. Jien kont ktibtilhom lil tal-Kurja katedrali u dawn qaluli li m'ghandhomx dritt ghaliha. Qatt ma kienet taghhom anzi qaluli*[45]*. Jien nikkonferma li l-area kollha kienet tinhadem mill-gardinar ta' Chappell ghall-perjodu ta' 38 sena, sal-88 meta hemm il-kliem Acquitted for building purposes, fuq il-ktieb tar-raba' ta' Censu Vella.*

*Il-kelma hija Quitted, left. Il-Bestland kien xtara minghand Chappell, xi tlett snin qabel ma xtrajt minghandu jien."*

Grima żied jgħid li l-kwistjoni li għandu mal-bdiewa mhix limitata biss għall-parti XYZ fuq il-pjanta a fol 156 iżda fuq l-*area* kollha CYZX.

Imbagħad fl-affidavit tiegħu a fol 452 *et seq* fil-kaz konness l-istess konvenut Carmelo Grima jkompli jamplifika dwar il-verzjoni tiegħu tal-fatti inkluz dwar il-provenjenza tal-art mertu tal-proċeduri tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Mix-xhieda suċċitata u mill-bqija tal-provi esibiti in atti l-Qorti tagħmel is-segwenti osservazzjonijiet li komplessivament iwassluha għall-konkluzjoni li l-art mibjugħa mill-konvenuti Grima lill-atturi fil-kuntratt tat-30 ta' Novembru 2010 kienet validament akkwistata mill-istess konvenuti Grima u għalhekk ma jirrizulta ebda difett fit-titolu mgħoddi minnhom lill-attrici:

1. Fil-kuntratt in ezami tat-30 ta' Novembru 2010, il-provenjenza ta' l-art mibjugha lill-atturi mingħand il-konvenuti Grima ġiet indikata li gejja minn kuntratt t'akkwist tat-30 ta' Settembru 1991[46] li permezz tiegħu il-konvenuti konjugi Carmel u Salvina Grima kienu xtraw mingħand is-soċjeta' Bestland Ltd il-

*"porzjon art fabbrikabbli u diviza li qeghda San Pawl il-Bahar u ghandha faccata fuq triq gdida bla isem li tizbokka fi Triq R. Perellos tal-kejl superficjali*

[45] Kopja ta' ittra ta' Grima datata 20 ta' Mejju 2009 a fol 343 u risposta tal-Arcidjocesi ta' Malta tat-2 ta' Gunju 2009 a fol 345 fil-kaz konness
[46] Kuntratt a fol 148 et seq fil-kaz konness

*ta' circa sitt mija u tmienja u tletin metri kwadri (638 m.k) pero' rigward il-kejl il-kumpanija qeghda tbiegh billi hemm u cioe' l-kejl li baqaghlha u tikkonfina minn nofsinhar mal-imsemmija triq, mill-Lvant in parte ma' beni ta' Karlinu Gauci in parti ma' Blokk ta' flats u in parti ma beni ta' Stanislaw sive Sunny Borg, u mit-Tramuntana in parti ma' art tal-Kurja Arciveskovili; in parti kif murija fuq il-pjanta hawn annessa markata Dokument A u identifikata fuq site plan annessa mal-istess pjanta, bhala franka u libera, bid-drittijiet, gustijiet u pertinenzi taghha kollha."*

3. Fil-kuntratt tat-30 ta' Settembru 1991, ġie ndikat li l-art mibjugħa mis-soċjeta' Bestland Ltd lill-Grima kienet tifforma parti minn art akbar li din il-kumpanija kienet akkwistat b'titolu oneruz in kwantu għal żewg terzi ndivizi in forza ta' kuntratt datat 26 ta' Gunju 1980 mingħand l-ahwa Mifsud u Carmelo Grech u in kwantu għar-rimanenti terz indiviz mixtri b'kuntratt datat 20 ta' Lulju 1979 mingħand Ludgarda Preziosi;

4. Jekk wiehed jara l-kuntratt tas-26 ta' Gunju 1980[47] is-socjeta' Bestland Ltd akkwistat *"zewg terzi ndivizi 2/3 peress li t-terz l-iehor huwa diga' tal-compratur ta' tlett plots fabbrikabbli mill-art*[48]*....fi triq gdida progettata li taghti f'Saint Paul Street San Pawl il-Bahar markati plots erbghin, wiehed u erbghin 40/41 u plot sitta u hamsin 56.....ta' kejl complessiv ta' circa elf mija u sbatax punt tlieta metri kwadri 1117.3mk inkluz il-parti li sejra sservi ghat-toroq imissu f'daqqa tramuntana u nofsinhar ma' toroq godda progettati bla isem lvant in parti ma' art ta' Joseph Sant u hutu u in parti ma' art ta' Joseph Grima u John Micallef liberi u franki."*

5. Il-Qorti tqis li ma nġiebet ebda prova konkreta li turi li tali provenjenza kif indikata twassal għal xi difett fit-titolu tal-konvenuti konjugi Grima. Di piu' l-Qorti ma tistax ma tirrimarkax li hija pjuttost sorprendenti kif is-soċjeta' attriċi għogobha tapprofondixxi r-riċerki tagħha dwar il-provenjenza tat-titolu fuq l-art mixtrija biss wara li xtrat tali art u dan meta kien l-obbligu tagħha li se mai tagħmel dawn il-verifiki qabel ma pproċediet bl-akkwist. Dan qed jingħad a prexindere minn dak li tgħid il-gurisprudenza fir-rigward tal-paċifiku pussess dwar dan kif suċitat.

[47] Fol 386 et seq
[48] Ara kuntratt tal-20 ta' Lulju 1979 a fol 359 et seq

6. Jiġi nnutat ukoll, kif anke osserva n-Nutar Debono li fil-kuntratt ta' akkwist tal-konvenuti konjugi Grima fl-1991, il-kejl imsemmi kien ta' 638 metri kwadri li meta minnu jiġi mnaqqas il-qies ta' l-art li ġiet mibjugħa minn Grima lill Maria Dolores u Maria ahwa Scerri fil-kuntratt tat-3 ta' Dicembru 1991[49], u ċioe' 285mk, tirrizulta li d-differenza hija dik ta' 316 metri kwadri, ergo l-kejl li jissemma fil-kuntratt tat-30 ta'Novembru 2010;

7. Huwa evidenti pero' li l-atturi jikkontendi li hemm problema bil-pjanti u jallegaw li ċirka nofs il-plots li xtraw u li suppost qabel kienet art ta' Carmel Grima, ma kinitx indikata fil-pjanta tal-akkwist tiegħu tat-30 ta' Settembru 1991. Qabel xejn il-Qorti tirreferi għall-artikolu 28 (1) (f) tal-Kap 55 tal-Ligijiet ta' Malta li jgħid hekk –

*"(1) Kull att nutarili għandu jkun fih –*

*[....]*

*(i) id-deskrizzjoni preċiża tal-ħaġa li dwarha jsir l-att b'mod li ma tistax tittieħed b'oħra,*

*(ii) fil-każ ta' atti fost il-ħajjin dwar immobbli, dawn għandhom jiġu mfissrin, jekk bini, bit-tismija tal-belt jew raħal u tat-triq fejn qegħdin u tan-numru tagħhom, u, jekk ma jkollhomx numru, bit-tismija ta' tlieta, għall-anqas, mill-irjieħ tagħhom; jekk raba', bit-tismija tal-post li fil-limiti tiegħu jkunu qegħdin, bl-isem tagħhom, jekk ikollhom (u jekk jista' l-isem tad-distrett), il-kejl tagħhom, u tlieta, għall-anqas, mill-irjieħ tagħhom, kif ukoll pjanta dettaljata tal-proprjetà flimkien ma' survey sheet Uffiċjali li turi l-qagħda tal-imsemmija proprjetà b'mod li tkun stabbilita l-identità tagħha:"*

Dan juri li għalkemm, kif inhu risaput fil-gurisprudenza, *"il-pjanta hi parti ntegrali tal-kuntratt[50]"*, l-għan tagħha huwa primarjament li turi l-lok tal-art b'dana li tkun tista' tiġi aħjar stabbilita' u lokalizzata u mhux li tissostitwixxi t-tifsira u d-deskrizzjoni tagħha minn fuq il-kuntratt innifsu fejn ikunu anke ġew indikati dettaljatament id-dettalji ta' l-art inkluz l-irjiħat. Fil-kaz tal-lum kif ġie muri, l-art hija ben deskritta bl-irjiħat fil-kuntratt tat-30 ta' Settembru 1991, liema deskrizzjoni ma tistax tiġi skartata partikolarment <u>fid-dawl tal-fatt li l-pjanta annessa miegħu mhijiex xi waħda professjonali magħmula minn arkitett</u>

[49] Fol 288 et seq

[50] **Marco Tanti et vs Joseph Portelli (Rik Gur 869/11) deciz 22 ta' Jannar 2014**

kwalifikat iżda mill-konvenut Carmel Grima nnifsu, li kif xehed hu stess hija bazata fuq *"skala taqbez minn millimetri ghal piedi, u kejl sproporzjonat*[51]*."*

Ma' dan il-Qorti żżid li kemm il-kuntratt tat-30 ta' Settembru 1991 kif ukoll il-pjanta annessa miegħu kienu jiffurmaw parti mir-riċerki notarili li saru qabel ma' ġie ffirmat l-kuntratt tat-30 ta' Novembru 2010 b'dana li għalhekk l-atturi kienu mhux biss konsapevoli tagħhom iżda ma jirrizulta li saret ebda oġġezzjoni fl-istadju qabel ma ġie ffirmat il-kuntratt. Għalhekk il-Qorti ma tarax li issa jistgħu l-atturi javanzaw pretensjonijiet fir-rigward ta' din il-pjanta. B'hekk, anke f'dawn iċ-ċirkustanzi l-fatt li r-rapprezentanti tas-soċjeta' Best Land ma aċċettawx li ssir korrezzjoni fil-pjanta sabiex tirrifletti b'mod aktar preċiz dak li kien hemm miktub fil-kuntratt tal-1991 (kif del resto sar fil-kaz tal-kuntratt li l-konjugi Grima għamlu max-xerrejja ohra Zahra Limited – Att korrettorju tal-20 ta' Settembru 2012 a fol 310 et seq) b'ebda mod m'għandu jitqies li jimmilita favur it-tezi attrici.

8. Jingħad ukoll li huwa minnu li fl-20 ta' Mejju 2009 il-konvenut Carmelo Grima kiteb lill-Knisja Katedrali sabiex jistaqsi dwar xiri ta' l-art li fil-pjanta annessa magħha tidher li qed tirreferi għall-art mertu tal-proċeduri tal-lum[52] iżda r-risposta li ngħata mill-Kurja f'Gunju 2009 kienet sempliċiment li dik l-art ma kinitx tappartjeni lill-Knisja[53]. B'hekk dan il-fatt ma jipperezenta ebda ostaklu għall-veraċita' tat-titolu li Grima kellu fuq l-art in kwistjoni.

## II. Pretensjonijiet tal-bdiewa Gauci

Kif diga' ssemma fil-kronologija tal-fatti suesposti, dawn il-bdiewa ressqu pretensjonijiet limitatament fuq il-porzjon art li l-konjugi Grima trasferew lis-soċjeta' attriċi. Kif xehdu dawn il-bdiewa, fosthom Carmelo Gauci[54], huma jsostnu li tali art kienet tinħadem mill-genituri tagħhom u wara li dawn xjahu kienu daħlu jaħdmu fiha l-erba' aħwa – hu, Anthony, Alfred u Victor. Hu ma jafx kif ġiet għandhom il-proprjeta' iżda jinsisti li l-art kienet ilha fil-pussess tagħhom għal madwar tmenin sena.

[51] Affidavit a Fol 452 fil-kaz konness
[52] Fol 343
[53] Fol 345
[54] Fol 563 et seq

Wara li rat il-provi nkluz ix-xhieda tal-bdiewa nfushom u tar-rapprezentanti tad-Dipartiment tal-Agrikoltura ma tistax tasal għall-konkluzjoni li dawn il-bdiewa wrew xi titolu ***qua* sidien** fuq l-art ta' Grima mertu tal-kaz tal-lum.

Jirrizulta pero' li, kif ingħad fis-suespost, dawn il-bdiewa wara talbiet għall-ħrug ta' mandati t'inibizzjoni li ġew kollha miċħuda mill-Qrati, fetħu proċeduri ta' spoll kontra uhud mill-partijiet fil-kawza tal-lum, inkluz is-soċjeta' attriċi u dan wara li ġie ffirmat il-kuntratt t'akkwist tat-30 ta' Novembru 2010.

Tajjeb jingħad qabel xejn in linea ta' prinċipju li ġie ritenut hekk fil-gurisprudenza tagħna fosthom fil-kaz **Romaro Ltd vs George Fenech et deċiz fit-3 t'Ottubru 2013**[55] **-**

*3. L-Artikolu 1409 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-bejjiegh jaghmel tajjeb lix-xerrej "ghall-evizzjoni li ttellfu l-haga mibjugha, kollha jew bicca minnha.". Il-garanzija tal-pacifiku pussess li taw Fenech hi bazata fuq l-obbligu li jittrasmettu lill-attrici l-proprjeta' tal-art kollha oggett tal-kuntratt tal-4 ta' Jannar 1993; "Il venditore garantisce per legge di avere un non limitato diritto di proprieta' sul bene venduto; se il suo diritto era invece difettoso, poiche' il difetto si riverbera anche sui suoi aventi causa (nemo plus iuris in alium transferre potest), questi hanno diritto di non subirne le conseguenze".*

*Fil-kawza* ***Mary Micallef vs Darker Building Construction Limited*** *deciza mill-Prim'Awla fid-19 ta' Jannar 2005, gie osservat: "L-evizzjoni li jippreciza l-Artikolu 1409 tal-Kodici Civili tivverifika ruhha meta jirrizulta li l-proprjeta' tal-haga mibjugha, jew xi dritt reali fuqha, tispetta lil terza persuna, f'liema eventwalita' xxerrej isofri l-esproprijazzjoni tal-haga b'effett tar-rivendika tal-jeddijiet hekk vantati fuqha mit-terz".*

*Is-sentenza li nghatat fil-kawza 127/2004 ma jidhirx li tista' tikkwalifika bhala evizzjoni, <u>in kwantu kienet azzjoni possessorja</u> fejn m'huwiex jigi determinat min huwa l-proprjetarju tal-oggett. F'dan il-kuntest fil-kawza* ***Ta' Kapaci Limited vs Joseph Meli et*** *deciza mill-Prim'Awla, il-qorti osservat:*

*"F'azzjoni ta' spoll it-titlu ma ghandu ebda relevanza. L-azzjoni ta' spoll strettament ma hijiex azzjoni ta' revizzjoni; anzi hija mahsuba biex turi illi l-konvenut fil-kawza ma ghandux pussess jew detenzjoni tal-haga u ghalhekk ma jistx jigi evitt minn haga li ma ghandux it-tgawdija taghha.".*

---

[55] Rik Gur 694/08

*.....Il-gudikat ta' azzjoni possessorja ma jifformax stat fil-procedura petitorja. Ma jezisti l-ebda konnessjoni jew stat ta' dipendenza bejn it-tnejn. Ghal finijiet ta' evizzjoni hu wkoll accettat li m'hemmx ghalfejn ikun hemm sentenza li biha x-xerrej ikun tilef il-haga. Fis-sentenza **Ta' Kapaci Limited vs Meli et** il-qorti qalet:-*

*"F'azzjoni ta' garanzija, bhal ma hi dik tallum, mhux bilfors ikun mehtieg illi x-xerrej ikun bata evizzjoni bis-sahha ta' sentenza li tghid illi ma ghandux titolu tajjeb fuq l-art; ikun bizzejjed illi x-xerrej juri illi t-titolu li tah il-bejjiegh ma kienx tajjeb, hekk li jkun ghalxejn illi jikkontesta talba minn terzi ghal evizjoni, jew jiftah kawza hu biex jirrivendika l-haga minghand terzi, ghax il-kontestazzjoni jew il-pretensjoni tieghu x'aktar illi ma tirnexxix" (enfazi tal-qorti).*

Imbaghad fil-kaz **Fulani Properties Ltd et vs Vincent Galea deciz fis-27 ta' Frar 2017**[56] kienet saret talba għal ħlas ta' danni jew fin-nuqqas ordni ta' rexissjoni ta' kuntratt ta' kompro-vendita wara li min riċerka li saret mill-akkwirenti atturi wara l-kuntratt, irrizultalhom illi kuntrarjament għall-garanzija tal-paċifiku pussess mgħotija mill-konvenut venditur, kien hemm partijiet sostanzjaIi tal-bini li mhumiex koperti bil-permessi u pjanti approvati u għalhekk fil-fehma ta' l-atturi tezisti potenzjalita' u eventwalita' ta' evizjoni kontra l-istess atturi. Il-Qorti qalet hekk -

*"Il-ligi tghid li meta l-garanzija tal-pacifiku pussess tkun giet imqieghda jew ma jkun sar ebda ftehim fuq daqshekk bejn il-kontraenti, ix-xerrej li jbati l-evizzjoni ghandu dritt jitlob minghand il-bejjiegh ir-radd tal-prezz, u/jew ir-radd tal-frottijiet, meta x-xerrej ikun gie obbligat iroddhom lis-sid li jkun ha lura l-haga, u/jew l-ispejjez kollha gudizzjarji, fosthom dawk li jkun ghamel ix-xerrej biex igharraf bl-kawza (tat-terz) lill-awtur tieghu (il-bejjiegh), u/jew il-hlas tal-hsara, kif ukoll l-ispejjez legittimi tal-kuntratt u kull hlas legittimu iehor li jkollu x'jaqsam mal-bejgh (ex art. 1413).*

*Hu pacifiku mill-atti tal-kawza illi ma hemm ebda evizzjoni in corso. Il-Qorti pero' mhix tal-fehma tal-konvenut li dan jipprekludi azzjoni simili. Il-Qrati taghna ppronunzjaw ruhhom diversi drabi fuq sitwazzjonijiet simili u qatt ma*

[56] Rik Gur 790/14

*llimitaw il-garanzija in ezami ghal evizzjoni definittiva, effettiva jew konkreta. Hu minnu li l-ligi tidher kategorika pero l-Qrati taw interpretazzjoni inqas rigida minn dak li jidher mill-artikolu rilevanti tal-ligi. Kawza li ttrattat precizament l-istess fattispecie bhal vertenza odjerna hi* ***Adam Galea et vs Tarcisio Calleja pro et noe*** *(App 25/05/2001) fejn intqal hekk:*

*In oltre l-biza' ragjonevoli ta' molestja futura kelllha tkun tirrigwarda l-oggett in vendita kemm fir-rigward tat-titolu legali tieghu kif ukoll tal-pussess materjali u liberu godiment tal-immobbli. Il-garanzija ta' pacifiku pussess allura ma tistax tigi llum limitata sempliciment ghat-theddida ta' evizzjoni minhabba difett fit-titolu imma kellha tigi estiza wkoll ghat-theddida ta' evizzjoni forzata minn awtorita kompetenti minhabba l-fatt illi l-immobbli ma jkunx kopert bil-premessi mehtiega skond il-ligi.*

*In oltre l-kawza* ***Kruger Brent Development Limited vs P.A.M. Limited*** *PA 18/09/2012) fejn il-Qorti qalet "xerrej ma ghandux jigi espost ghal xi periklu ta' molestja".*

Din il-Qorti kif diversament preseduta qalet dan fuq azzjoni bbażata fuq l-artikolu 1409 tal-Kodiċi Civili fejn hemm molestja ta' pussess mhux ta' titlu[57]:_

*"Fil-kawza* ***Mary Micallef vs Darker Building Construction Limited*** *deċiza mill-Prim'Awla[58] fid-19 ta' Jannar 2005, ġie osservat: "L-evizzjoni li jippreċiza l-Artikolu 1409 tal-Kodici Civili tivverifika ruħha meta jirrizulta li l-<u>proprjeta' tal-ħaga mibjugha, jew xi dritt reali fuqha</u>, tispetta lil terza persuna, f'liema eventwalita' x-xerrej isofri l-esproprijazzjoni tal-ħaga b'effett tar-rivendika tal-jeddijiet hekk vantati fuqha mit-terz". (enfasi ta' din il-Qorti).*

*Is-sentenza li nghatat fil-kawza 127/2004 ma jidhirx li tista' tikkwalifika bhala evizzjoni, in kwantu kienet ażżjoni possessorja fejn m'huwiex jigi determinat min huwa l-proprjetarju tal-oġġett. F'dan il-kuntest fil-kawza* ***Ta' Kapaci Limited vs Joseph Meli et*** *deċiza mill-Prim'Awla[59], il-qorti osservat:*

*"F'ażżjoni ta' spoll it-titlu ma għandu ebda relevanza. L-ażżjoni ta' spoll strettament ma hijiex ażżjoni ta' revizzjoni; anzi hija maħsuba biex turi illi l-konvenut fil-kawza ma għandux pussess jew detenzjoni tal-ħaga u għalhekk ma jistx jiġi evitt minn ħaga li ma għandux it-tgawdija tagħha.".*

[57] **Romaro Ltd vs George Fenech et** P.A. 694/2008; 3/10/2013 A.E.
[58] Imħallef Ph.Sciberras
[59] Imħallef Giannino Caruana Demajo.

*Ragunament li għandu japplika wkoll fir-rigward ta' l-actio manutenionis. Azzjoni li biha jkun qieghed biss jiġi aċċertat l-ezistenza ta' stat ta' fatt. Il-gudikat ta' azzjoni possessorja ma jifformax stat fil-proċedura petitorja. Ma jezisti l-ebda konnessjoni jew stat ta' dipendenza bejn it-tnejn.*

*Għal finijiet ta' evizzjoni hu wkoll aċċettat li m'hemmx għalfejn ikun hemm sentenza li biha x-xerrej ikun tilef il-ħaga.*

*Fis-sentenza **Ta' Kapaci Limited vs Meli** et il-qorti qalet:-*

*"F'ażżjoni ta' garanzija, bħal ma hi dik tallum, mhux bilfors ikun meħtieg illi x-xerrej ikun bata evizzjoni bis-saħħa ta' sentenza li tgħid illi ma għandux titolu tajjeb fuq l-art; ikun bizzejjed illi x-xerrej juri illi t-titolu li tah il-bejjieg ma kienx tajjeb, hekk li jkun għalxejn illi jikkontesta talba minn terzi għal evizjoni, jew jiftaħ kawza hu biex jirrivendika l-ħaga mingħand terżi, għax il-kontestazzjoni jew il-pretensjoni tiegħu x'aktar illi ma tirnexxix" (enfazi tal-qorti).*

*Hekk ukoll Laurent[60] josserva:-*

*"Puo dunque esservi evizione, senza che vi sia una sentenza che condanni il compratore ad abbandonare. Il compratore puo' abbandonare l'eredita' al vero*
*proprietario senza che vi sia una sentenza del giudice; se il diritto di colui che revindica il fondo e' evidente, e' inutile sostenere il processo, dappoiche' sarebbe far dell spese frustranee.".*

Il-Qorti tqis li għalkemm huwa minnu li l-pretensjonijiet possessorji tal-bdiewa Gauci, anke jekk għadhom mhux definittivament deċizi mill-Qrati, potenzjalment jimpingu fuq id-dritt ta' tgawdija paċifika tas-socjeta' attriċi fir-rigward tal-pussess ta' l-art li huma jgħidu li għandhom pretensjonijiet fuqha, xorta ma tarax li l-istess socjeta' għandha ragun li tressaq b'suċċess ilment fir-rigward dana in linea ma dak imgħallem fil-gurisprudenza dwar dritt *possessorju* ad differenza ta' dritt *petitorju*. Magħdud ma dan hemm il-fatt ukoll illi kuntrarjament għal dak allegat mis-soċjeta' attriċi, hija kienet diga' konsapevoli li dawn il-bdiewa kienu qegħdin javvanzaw pretensjonijiet ta' detenzzjoni (almenu) fuq l-art, u nonostante dan hija pproċediet bl-akkwist ta' l-istess. Il-bidwi **Alfred Gauci** xehed hekk[61] –

---

[60] Principii di Diritto Civile; Vpl XXIV (1885) PAGNA 167.
[61] Fol 616

*"Jien f'Ottubru 2009 li jien fil-kumpanija ta' perit u certu Twanny Gerada kont tkellimt ma' Borg u ghidtlu biex ma jixtrix.* ***Lil Salvu Grech u lil ta' Grima and Sons kellimthom ukoll qabel. Ghidtilhom li l-art li ser ibiegh Carmel Grima ma hix tieghu ghax l-art li kellu kien diga' biegha[62]."***

Dan jorbot ukoll ma' dak li qal il-konvenut Carmelo Grima fl-affidavit tieghu a fol 458 (para. 18 u 19)[63]. Jgħid li fil-fatt kienu marru għandu B.Grima & Sons u Salvatore Grech u hu kien tagħrafhom kollox bil-pjanta. Żid li kien biss x'ħin inżammu milli jkompplu jibnu minħabba l-ispoll li dawn skontu riedu jerġgħu lura mill-kuntratt u jieħdu flushom lura. Żid li saħansitra Salvatore Grech kien anke mar għandu biex jivverifika dwar l-ghalqa u hu urih kollox ċioe lil pjanta ma kienetx taqbel mall-kuntratt[64].

Fiċ-ċirkustanzi l-Qorti ma tarax kif tista' tirnexxi l-azzjoni attrici meta ma ġietx konradetta bi provi konkreti l-prova li huma kienu konsapevoli tal-pretensjonijiet tal-bdiewa Gauci ġia minn qabel ma ffirmaw il-kuntratt, u minflok ma ħasbuha sew qabel u għamlu l-verifiki meħtiega, huma pproċcedew bl-iffirmar tal-kuntratt illum impunjat. Għalhekk huwa inutli li l-atturi issa jiġu jippuntaw is-swaba' lejn dak li setgħu kienu jafu l-konvenuti qabel l-iffirmar tal-kuntratt dwar din il-kwistjoni tal-bdiewa meta huma wkoll kellhom għarfien ta' dan direttament mingħand il-bdiewa stess. Fil-fatt il-Qorti hija konvinta li l-atturi daħħlu ghal spekulażżjoni bir-riskji kollha magħha**, ngħidu aħna ħadu ċans.**

Fid-dawl tas-suespost, l-ewwel talba attriċi ma hijiex ser tintlaqa'. La l-bqija tat-talbiet huma sussidjarji għall-ewwel talba u dipendenti fuqha, dawn sejrin jiġu miċhuda wkoll.

Għaldaqstant ma hemm ebda lok li l-Qorti tindaga ulterjorment dwar il-pretensjonijiet u argumenti oħra mressqa mill-partijiet fil-kawza.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti:**

[62] Tipa grassa b'enfasi tal-Qorti
[63] 976/11MH
[64] Fol 459; ibid.

**1. Ti1ċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari ta' Grazio sive Grezzju Chetcuti et u l-hames eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti Carmel u Salvina konjugi Grima dwar l-intempestivita' ta' l-azzjoni;**

**2. Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari ta' Grazio sive Grezzju Chetcuti et dwar il-legittimu kontradittur;**

**3. Tiċħad it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenuti Carmel u Salvina konjugi Grima dwar il-bazi tal-ażżjoni attrici;**

**4. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-konvenuti safejn biss kompatibbli ma' dak hawn deċiz u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-bqija.**

**5. Tiċħad it-talbiet attrici.**

**6. L-ispejjez ta' l-eċċezzjonijiet preliminari li ġew miċħuda mill-Qorti jkunu a karigu tal-partijiet rispettivi li ssollevawhom. Il-bqija tal-ispejjez fil-mertu ikunu a karigu tal-atturi.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reg.**